# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Illum 13 ta' Novembru 2024**

**Nru: 6**

**Rikors Nru. 437/2023**

## Charles Micallef

**v**

## Nicholas Grech

**Fil-qosor**

1. Ir-rikorrent fetaħ din il-kawża, wara li ġiet sekwestrata mill-pulizija l-vettura li xtara mill-intimat. Huwa qiegħed jipproponi l-azzjoni *redhibitoria* abbażi ta' difetti latenti li jgħid li kienu preżenti fil-vettura fil-mument tal-bejgħ u qiegħed jitlob ir-refużjoni tal-prezz tal-vettura u l-ħlas tad-danni. L-intimat jiċħad li biegħ il-vettura lir-rikorrent u qal li xogħolu kien biss li jassisti fil-bejgħ. Għal din ir-raġuni, l-intimat qiegħed jeċċepixxi li m'huwiex responsabbli għat-talbiet tar-rikorrent.

2. F'din is-sentenza ser tiġi eżaminata r-responsabbiltà tal-intimat, u ser jiġi determinat jekk ġewx sodisfatti r-rekwiżiti neċessarji biex jintlaqgħu t-talbiet tar-rikorrent.

**Rikors ġuramentat**

3. Fir-rikors ġuramentat tas-26 ta' April 2023, ir-rikorrent Charles Micallef talab lill-Qorti sabiex:-

   i. Tiddikjara illi l-bejgħ tal-vettura Mercedes E Class bin-numru SP65GYF huwa null u bla effett
   ii. Tiddikjara u ikkundanna li l-konvenut għandu jħallas lill-attur lili bis-sahha tal-actio redhibitorja is-somma ta' erbgħa u ghoxrin elf mija tmien mija u tlieta u erbgħin euro u tnejn u hamsin centezmu (24, 843.52) apparti elf euro (1,000) fi spejjeż ta' trasport.

4. Huwa sejjes it-talbiet tiegħu fuq dawn il-premessi:-

   i. Illi l-esponenti kien xtara vettura mercedes E class bin-numru SP65GYF ghall- prezz ta' wiehed u għoxrin elf sterlina ossia erbgha u għoxrin elf tmien mija tlieta u erbgħa euro u tnejn u hamsin ċenteżmu (24, 843.52) apparti elf euro (1,000) li kienu jikkonsistu fi spejjes ta' trasport mill l-Ingilterra
   ii. Illi irrizulta li l-vettura kienet misruqa minn Ingilterra għax ġie infurmat mill- pulizija ta' Malta bażikament l-ispettur Mark Anthony Mercieca
   iii. Illi l-esponenti lahaq biegh il-vettura u l-istess pulizija kienu hadu l-vettura u kellu jaghti l-flus lura;
   iv. Illi għalhekk il-biegh huwa null u bla ebda effett għax ma setax ibiegh il-vettura li kienet misruqa.[1]

**Risposta ġuramentata**

5. Fir-risposta ġuramentata tal-intimat tad-29 ta' Novembru 2023, huwa eċepixxa:-

   i. Illi primarjament l-okkju u cioe' isem l-esponent stess mhuwiex hekk kif mnizzel fuq il-karta tal-identita' tiegħu;
   ii. Illi l-esponent bid-dovut rispetto mhuwiex il-legittimu kontradittur f' dawn il- proceduri stante illi huwa qatt ma biegħ il-vettura Mercedes E Class lil Charles Micallef, izda kien inkarigat biss sabiex jagħmel il-pagament f' isem l-attur kif ukoll sabiex jispezzjona il-vettura wara li l-attur kien ghazel u ftiehem il- vettura;
   iii. Illi l-esponent hekk kif ser jigi ippruvat matul il-mori tal-vettura, ma seta' qatt jinduna li l-vettura in kwistjoni kienet misruqa tant illi dan il-fatt gie magħruf zmien twil wara illi l-istess vettura waslet Malta:
   iv. Illi bl-ebda mod ma jista qatt jirrizulta illi kien hemm xi forma ta' kuntratt ta' bejgħ tal-vettura, stante illi kif diga gie spjegat l-konvenut kien inkarigat sabiex jgħaddi il-pagament lil bejjiegħ għan-nom tal-attur;
   v. Illi minħabba dawn ir-ragunijiet il-konvenut ma jista' qatt jinzamm responsabbli ta' dawn l-ispejjez:
   vi. Għaldaqstant l-esponent in vista tal-fatti sucitati umilment jitlob illi:

      l. Illi l-ewwel talba għandha tigi michudha stante ir-ragunijiet hawn sucitati

[1] Ara r-rikors ġuramentat tar-rikorrent tas-26 ta' April 2023, f'paġni 1-2.

2. Tichad it-tieni talba minħabba ir-ragunijiet sucitati kif ukoll dawk li ser jirrizultaw waqt il-mori tal-kawza.[2]

**Fatti**

6. Ir-rikorrent Charles Micallef għandu negozju tal-karrozzi f'Malta. F'2019 huwa xtara vettura tal-għamla Mercedes E Class, b'numru SP656YF mill-Ingilterra, li swietu €24,843.52. Apparti dan huwa ħallas €1000 sabiex il-vettura tiġi trasportata f'Malta.[3]

7. Charles Micallef jgħid li sar jaf bl-intimat wara li introduċih Craig Scicluna ta' Horace Auto Dealer. Huwa jgħid li l-intimat, li għandu negozju tal-vetturi fl-Ingilterra, kien qallu li l-vettura kienet tiegħu.[4] Infatti kien l-intimat li bagħat ritratti tal-vettura lil Craig Scicluna.[5] Kien ukoll l-intimat li rċieva l-pagament ta' €24,843.52 mir-rikorrent.[6] Dan jiġi kkontestat mill-intimat li jgħid li huwa kien inkarigat biss biex jagħmel il-pagament lis-sidien tal-vettura f'isem ir-rikorrent u biex jispezzjona l-vettura għar-rikorrent.[7]

8. Wara li r-rikorrent kien laħaq biegħ il-vettura lill-ħaddieħor, ġie mgħarraf li l-vettura kienet misruqa. Konsegwentement, il-vettura ġiet irritornata lil sidha u r-rikorrent kien obbligat jirritorna l-flus li kien irċieva tagħha. Issa huwa qiegħed jitlob il-kanċellament tal-bejgħ tal-vettura, u r-refużjoni ta' €24,843.52 rappreżentanti l-prezz tal-vettura, kif ukoll l-€1000 li nefaq biex il-vettura tiġi importata.[8]

**Analiżi tal-Qorti**

*Jekk l-intimat għandux jerfa' r-responsabbiltà ta' bejjiegħ*

9. L-intimat qiegħed jallega li ma kienx hu li biegħ il-vettura lir-rikorrent u li xogħolu kien biss li jispezzjona l-vettura u juriha lir-rikorrent u li jwettaq il-ħlas tal-vettura f'isem ir-rikorrent.[9]

---

[2] Ara r-risposta ġuramentata tal-intimat tad-29 ta' Novembru 2023, f'paġni 31-33.
[3] Ara r-rikors ġuramentat tar-rikorrent tas-26 ta' April 2023, f'paġni 1-2.
[4] Ara l-affidavit tar-rikorrent f'paġna 50.
[5] Ara kopja tal-korrispondenzi mal-intimat f'paġni 51-52.
[6] Ara kopja tal-istatement bankarju rispettiv f'paġna 53.
[7] Ara r-risposta ġuramentata tal-intimat tad-29 ta' Novembru 2023, f'paġni 31-33.
[8] Ara r-rikors ġuramentat tar-rikorrent tas-26 ta' April 2023, f'paġni 1-2.
[9] Ara r-risposta ġuramentata tal-intimat tad-29 ta' Novembru 2023, f'paġni 31-33.

Effettivament huwa qiegħed jallega li kien qiegħed jaġixxi f'isem is-sidien tal-vettura; hekk kif ħa ħsieb l-affarijiet li normalment jiġu ġestiti mis-sidien.

10. Il-qorti tqis li ma tantx hija kredibbli l-allegazzjoni tiegħu li huwa kien qiegħed jaġixxi f'isem ħaddieħor; għaliex l-intimat qatt ma rrileva l-isem tal-persuna li kien qiegħed jaġixxi għaliha, la mar-rikorrent u lanqas fil-kors ta' dawn il-proċedimenti. Lanqas ma ressaq xi prova li kien qiegħed jaġixxi f'isem ħaddieħor.

11. Mill-provi esibiti nkluż l-istatement tal-pagament bankarju,[10] u l-korrispondenza mal-intimat,[11] ma jirriżultax li l-intimat ma kienx qiegħed jaġixxi f'ismu. Dan ifisser li anke jekk dak li qiegħed jallega l-intimat huwa minnu, skont l-artikolu 1871 tal-Kap. 16,[12] ir-rikorrent ma jistax ifittex lil sid il-vettura iżda huwa meħtieġ li jipproċedi kontra l-intimat. Infatti, ġaladarba l-intimat jidher li aġixxa f'ismu proprju, huwa meqjus direttament responsabbli lejn ir-rikorrent daqs li kieku l-affari kienet tiegħu.

12. B'hekk huwa irrelevanti jekk il-vettura kinitx verament tal-intimat. Dan għaliex fid-dawl tal-artikolu 1871 tal-Kap. 16, l-intimat huwa xorta waħda meħtieġ li jerfa' r-responsabbiltà ta' bejjiegħ.

*Garanzija tal-paċifiku pussess*

13. Fost ir-responsabbiltajiet li għandu l-bejjiegħ, insibu r-responsabbiltà li jagħmel tajjeb għall-evizzjoni li ttellef lix-xerrej mill-ħaġa mibjugħa, kollha jew biċċa minnha.[13] Din il-garanzija - magħrufa bħala l-garanzija għall-paċifiku pussess - hija intiża biex tkopri lix-xerrej kontra

---

[10] Ara kopja tal-istatement bankarju rispettiv f'paġna 53.
[11] Ara kopja tal-korrispondenzi mal-intimat f'paġni 51-52.
[12] L-artikolu 1871 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi:- "(1) Meta l-mandatarju jkun aġixxa fl-isem tiegħu nnifsu, il-mandant m'għandux azzjoni kontra dawk li magħhom il-mandatarju jkun ikkuntratta, u lanqas dawn m'għandhom azzjoni kontra l-mandant. (2) Iżda, f'dan il-każ, il-mandatarju hu obbligat direttament lejn il-persuna li magħha kkuntratta daqs li kieku l-affari kienet tiegħu nnifsu."
[13] L-artikolu 1409 tal-Kap. 16.

l-ispossessar minn terzi,[14] u tapplika anke jekk ma tkunx ġiet espressament miftiehma fil-kuntratt tal-bejgħ[15] – bħalm'hu l-każ hawn.

14. Meta l-garanzija tkun ġiet miftiehma jew meta ma jkun sar l-ebda ftehim fuq daqshekk, ix-xerrej li jbati l-evizzjoni għandu l-jedd jitlob mingħand il-bejjiegħ:-

> (a) ir-radd tal-prezz;
> (b) ir-radd tal-frottijiet, meta x-xerrej ikun ġie obbligat iroddhom lis-sid li jkun ħa lura l-ħaġa;
> (ċ) l-ispejjeż kollha ġudizzjarji, fosthom dawk li jkun għamel biex igħarraf bil-kawża lill-awtur tiegħu;
> (d) il-ħlas tal-ħsara, kif ukoll l-ispejjeż leġittimi tal-kuntratt u kull ħlas leġittimu ieħor li jkollu x'jaqsam mal-bejgħ.[16]

15. F'dan il-każ però, r-rikorrent m'huwiex qiegħed jeżerċita l-azzjoni minħabba ksur tal-garanzija tal-paċifiku pussess. Qiegħed minflok jipproponi l-azzjoni *redhibitoria* – msejsa fuq l-allegazzjoni li l-vettura kienet kolpita b'difetti latenti fil-mument tal-bejgħ. Infatti huwa qiegħed jitlob il-ħall tal-bejgħ – li tintalab fl-azzjoni *redhibitoria*[17] – u jibbaża t-talbiet għar-refużjoni tal-prezz tal-vettura kif ukoll għall-ħlas tad-danni (cioè l-flus li nefaq għall-importazzjoni tal-vettura) fuq din l-azzjoni.[18]

16. Madanakollu, meta r-rikorrent fetaħ il-kawża, il-vettura kienet diġà ġiet ikkonfiskata u għalhekk ma kinitx fil-pussess tar-rikorrent; u lanqas seta' jagħmel mezz biex tinġieb lura. Dan ifisser li r-rikorrent ma jistax jitlob ir-rexxissjoni tal-kuntratt tal-bejgħ – għaliex bir-rexxissjoni, il-partijiet jiġu mqiegħda fl-istat li kienu fih qabel ma daħlu fil-kuntratt, b'dan illi kull parti trid trodd lill-oħra dak li tkun irċeviet jew daħħlet b'effett jew bis-saħħa tal-

---

[14] *Marthese Attard v. C.A. Developers Limited*, Qorti tal-Appell, deċiża 9 ta' Novembru 2005.
[15] Il-partijiet jistgħu, bi ftehim speċjali jżidu jew inaqqsu l-effetti ta' din il-garanzija li tiġi mil-liġi, u jistgħu jiftehmu li l-bejjiegħ m'għandu jkun soġġett għall-ebda garanzija. (l-artikolu 1410 tal-Kap. 16.) Iżda anke meta l-partijiet ikunu ftehmu espressament illi l-bejgħ ma hu soġġett għall-ebda garanzija tal-paċifiku pussess, f'każ ta' evizzjoni l-bejjiegħ xorta waħda jibqa' obbligat li jrodd lura l-prezz irċevut - sakemm ma jkunx ukoll ġie espressament miftiehem illi anke fil-każ ta' evizzjoni l-prezz imħallas ma jintraddx lura (l-artikolu 1412 tal-Kap. 16). Jekk però l-evizzjoni sseħħ b'riżultat tal-għemil tal-bejjiegħ, xorta waħda ikun responsabbli għall-garanzija tal-paċifiku pussess..
[16] Artikolu 1413 tal-Kap. 16.
[17] *Sandro Falzon vs Ebenezer Attard*, Qorti tal-Appell, deċiża 26 ta' Mejju 2021.
[18] Ara ukoll 797/07/1 *Valhmor Borg (Import/Export) Limited v Slais Company Limited*, Qorti tal-Appell, deċ 21 ta' Mejju 2024. F'dik il-kawża l-Qorti tal-Appell sabet li l-kumpannija attriċi kienet ressqet kawża bażata fuq ksur tal-obbligu tal-paċifiku pussess, u li kienet talbet id-danni riżultanti mill-ksur.

kuntratt issa rexxiss; u dan kien u hu impossibbli għar-rikorrent.[19] Dan biex ma jingħadx ukoll li hu dibattibli kemm il-fatt li l-karozza kienet misruqa jikkwalifikax bħala difett li jagħti lok għall-azzjoni mressqa mir-rikorrent.

17. Ġaladarba r-rikorrent qiegħed jitlob ir-rexxissjoni tal-kuntratt tal-bejgħ, li kif ingħad ma jistax iseħħ, u peress li qiegħed issejjes it-talbiet għar-refużjoni tal-ħlas tal-bejgħ u l-ħlas tad-danni fuq l-*actio redhibitoria* u mhux fuq il-ksur tal-garanzija tal-paċifiku pussess, it-talbiet tiegħu, kif tressqu, huma infondati u sejrin jiġu miċħuda.

**Parti Deċiżiva**

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tiċħad it-talbiet tar-rikorrent, bl-ispejjeż kontra tiegħu.

Henri Mizzi
Imħallef

Tristan Duca
Deputat Reġistratur

[19] L-artikolu 1209 tal-Kap. 16.